MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 1884/1996/2

**John Sammut**

**v.**

**Awtorita` ta' l-Ippjanar u**
**b'digriet tat-28 ta' Mejju, 1999**
**gew kjamati in kawza l-Avukat**
**Generali u l-Ministru responsabbli**
**Ghax-Xogholijiet Pubblici.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' John Sammut, minnu ppresentat fit-3 ta' Gunju, 1996 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili li fih ippremetta s-segwenti:

**"Illi fis-6 ta' Dicembru, 1990 kien inhareg permess lir-rikorrent mill-Planning Area Permits Board, b'liema r-rikorrent gie moghti permess biex iwaqqa' u jibni l-proprjeta` f'numri 21 u 23 Tigne` Sea Point, Sliema;**

**Illi sussegwentement l-istess Planning Area Permits Board fit-28 ta' Lulju, 1992 rega' hareg permess iehor konness mal-izvilupp li kien qed isir taht l-ewwel permess biex isir xoghol ukoll fuq il-wara tal-post f'numru 21 u 23 Tigne` Sea Front, biex jibnu f'Fawwara Lane, Sliema il-bini specifikat fl-istess permess;**

**Illi a bazi ta' dawn il-permessi r-rikorrent dahal f'diversi arrangamenti u obbligi ta' xiri u bejgh u self dwar l-istess proprjeta`;**

**Illi minghajr ebda talba minghand ir-rikorrent u minghajr ebda konsultazzjoni la mieghu u lanqas mal-perit tieghu, il-Planning Area Permits Board, ta' liema l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hija s-successura fid-drittijiet u l-obbligi tieghu, qabad u hareg permess iehor bid-data tal-14 ta' Awissu, 1992 li sostanzjalment biddel il-kondizzjonijiet ta' l-ewwel zewg permessi;**

**Illi dan l-ahhar permess mahrug mill-Bord baqa' ma giex notifikat lir-rikorrent tul il-kostruzzjoni tal-bini; u gie biss mibghut lill-perit tar-rikorrent li fit-18 ta' Awissu, 1992 ipprotesta ruhhu bil-miktub kontra l-agir tal-Planning Area Permits Board. Ghal din l-ittra tal-perit kien hemm risposta mid-Development Control Commission biss fid-29 ta' Ottubru, 1993 minghajr ma l-istess Kummissjoni qabel ma hadet id-decizjoni taghha li waslet ghall-ittra fuq imsemmija ma infurmat lir-rikorrent jew lill-perit tieghu jew taghthom l-opportunita` jaghmlu l-icken sottomissjoni;**

**Illi dan l-agir tal-Planning Area Permits Board u sussegwentement ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar jikser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghall-proprjeta` u ghal smigh xieraq kif protetti mill-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol u mill-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta tal-1984;"**

Premess dan kollu, ir-rikorrent Sammut talab li l-Prim Awla tiddikjara **(1)** li huwa sofra lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu protetti bl-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokol u bl-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u dan bil-hrug ta' l-ahhar permess ta' Awissu, 1992, **(2)** tiddikjara l-hrug ta' dak il-permess null u bla effett fil-ligi, u **(3)** taghtih dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha opportuni u mehtiega fil-kaz.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar tal-10 ta' Gunju, 1996 li permezz taghha l-imsemmija Awtorita` eccipiet fl-ewwel lok li hija ma kienitx is-successura fid-drittijiet u l-obbligi tal-Planning Area Permits Board; rat is-sentenza tal-Prim Awla tat-12 ta' Dicembru, 1996 li permezz taghha dik il-Qorti laqghet din l-ewwel eccezzjoni u lliberat lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar mill-asservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tat-30 ta' April, 1998, li permezz taghha rrevokat l-imsemmija sentenza tat-12 ta' Dicembru, 1996, u baghtet lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex, wara li ssir il-kjamata in kawza indikata fl-istess sentenza, il-kawza titkompla skond il-ligi (din il-Qorti, f'din is-sentenza tat-30 ta' April, 1998, kienet ordnat li l-ispejjez jigu sopportati mill-istess appellant minhabba l-inerzja tieghu);

Rat l-eccezzjoni ulterjuri, sollevata fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 1998 (fol. 83) fis-sens li "l-applikant ghandu applikazzjoni numru 2044/96 biex jissana s-sular ta' fuq u li hu fil-fatt il-meritu tar-rikors kostituzzjonali stante li kien inghata precedentement rifjut"; rat ir-rikors ghall-kjamata in kawza tal-Avukat Generali u tal-Ministru responsabbli

ghax-Xogholijiet Pubblici tas-26 ta’ Mejju, 1999, li gie debitament akkordat;

Rat ir-risposta tal-kjamati in kawza tad-9 ta’ Lulju, 1999; rat in partikolari il-verbal ta’ l-udjenza tat-8 ta’ Novembru, 1999 li jghid, *inter alia*, hekk:

**“Il-Prof Ian Refalo [ghar-rikorrent] jiddikjara li r-rimedju li qed jitlob huwa, hu li jigi dikjarat null in revoka [*sic!*] tal-permess ta’ Awissu 1992 billi inkisrulu d-drittijiet fondamentali tieghu fost affarijiet ohra ta’ smiegh xieraq.”**

Rat il-verbal tal-21 ta’ Jannar, 2000 mnejn jirrizulta li l-Avukat Refalo (ghar-rikorrent) talab aktar zmien biex jaghmel nota responsiva ghan-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tas-26 ta’ Jannar, 1999; rat il-verbal tal-15 ta’ Mejju, 2000 mnejn jirrizulta li, billi r-rikorrent kien ghadu ma ppresentax in-nota tieghu, l-Avukat Ian Refalo “talab zmien biex jitratta t-tieni eccezzjoni”; f’din l-ahhar udjenza il-Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghall-21 ta’ Gunju, 2000 “ghat-trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat”;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-21 ta’ Gunju, 2000 mnejn jirrizulta li r-rikorrent Sammut deher minghajr l-avukat tieghu, u allura dik il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-4 ta’ Ottubru, 2000 “bil-fakolta` li r-rikorrent ikollu sal-ahhar ta’ Lulju biex jaghmel nota ta’ sottomissjonijiet fuq it-tieni eccezzjoni ta’ l-intimati bil-visto u risposta tal-kontroparti sal-15 ta’ Settembru”;

Rat li r-rikorrent baqa’ ma ppresentax l-imsemmija nota;

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta’ Ottubru, 2000 li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha *“billi hija sodisfatta li r-rikorrent ghandu u qed jutilizza r-rimedju ordinarji ghall-ksur minnu allegat”* u ghalhekk illiberat lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra r-rikorrent, u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Ir-rikors thallas ghal-lum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-intimat.

F`dina l-eccezzjoni l-intimat Awtorita` ta’ l-Ippjanar qed jghid li dina l-Qorti m`ghandhiex tiehu konjizzjoni tar-rikors a bazi ta’ l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta stante li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji skond il-Ligi.

Skond il-gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati, sakemm tibqa’ l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista’ tigi retifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita` s-setghat kostituzzjonali taghha. (Q.K. Zahra vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar 31.5.99).

F`kazijiet bhal dawn il-Qorti trid tra jekk ir-rikorrent ezercitax ir-rimedji kollha li taghtih il-ligi ordinarja. Il-gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti tibda wara li r-rimedji ordnijarji jkunu spiccaw u r-rikorrent ma jkollu ebda triq ohra hlief li jilmenta minn ksur ta’ dritt fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja (Qorti Kostituzzjonali Spiteri vs P.A. 25/6/99)
Fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrent qed jutilizza r-rimedji ordinarji. Hu talab ir-rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tieghu mill-Awtorita` u t-talba tieghu ghad tista’ tintlaqa’ u jekk ma tintlaqax ghad hemm opportunita` li jsir appell. Joe Felice xehed li r-rikorrent talab rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tieghu li kienet giet rifjutata. Hu qal li ghadhom fi stadju ta’ rikonsiderazzjoni u jekk tigi rifjutata r-rikorrent jista’ jappella.

Jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien appella quddiem il-Bord dwar l-Ippjanar u quddiem il-Qorti ta’ l-Appell u kien inghata zmien minn dik il-Qorti biex jinduci l-pretensjonijiet tieghu fuq it-tielet aggravju tieghu cioe` li l-Bord dwar l-Ippjanar ma kienx tah smiegh xieraq. Invece meta ghamel din il-kawza kostituzzjonali l-ilment tieghu li ma nghatax smiegh xieraq ma kienx fil-konfront tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar izda dwar kienx tah smiegh xieraq. Invece meta ghamel din il-kawza kostituzzjonali l-ilment tieghu li ma nghatax smiegh xieraq ma kienx fil-konfront

tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar izda dwar id-Development Control Commission fejn qal li din iddecidiet minghajr ma taghtu opportunita` li jaghmel l-icken sottomissjoni.

Ir-rimedju li qed jitlob ir-rikorrent illum hu differenti minn dak li talab quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Illum jirrizulta li r-rikorrent ghadu qed juza r-rimedji ordinarji ghalhekk mhux il-kaz li dina l-Qorti tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha”.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ John Sammut tat-12 ta’ Ottubru, 2000 li permezz tieghu talab li din il-Qorti *“joghgobha tirrevoka il-precitata sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta’ Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b’hekk tiddeciedi avvisavament* [sic!] *mat-talbiet ta’ l-istess rikorrent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati”*;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati; rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti hadet l-isbriga li tiddelinea hawn aktar ‘l fuq f’din is-sentenza l-*iter* ta’ din il-kawza biex tissottolinea it-traskuragni li biha r-rikorrent ikkonduca dawn il-proceduri quddiem l-ewwel qorti. Inoltre, huwa sinjifikattiv il-verbal ta’ l-udjenza tat-8 ta’ Novembru, 1999 – ukoll hawn aktar ‘l fuq riprodott – peress li minnu jirrizulta car x’inhi verament il-lanjanza tar-rikorrent, u cioe` li bil-permess mibdul tal-14 ta’ Awissu, 1992 huwa seta jigi mitlub ihott parti min dak li kien lehaq bena jew li kien qed jipproponi li jibni skond il-permessi precedenti. Huwa dan il-hatt jew dawn il-kundizzjonijiet godda li r-rikorrent ma jridx li jsir jew li jigu imposti.

L-aggravju tar-rikorrent, ghalkemm migjuba f’zewg paragrafi separati, huwa bazikament wiehed. L-appellant jikkontendi li z-“zewg ragunijiet” migjuba ‘l quddiem mill-ewwel Qorti biex tiddeklina milli tezercita s-setgha

kostituzzjonali taghha – ghax fil-fehma ta l-ewwel Qorti huwa kellu rimedji alternattivi disponibbli – huma fallaci peress li t-talba ghal *reconsideration* ta' applikazzjoni "b'ebda mod ma hija rimedju effettiv u shih li huwa kellu permess validu li gie malament u invalidament kontra d-drittijiet fondamentali tieghu revokat mill-awtoritajiet kompetenti". L-appellant jikkontendi li anke jekk jinhareg permess gdid dana ma jkunx rimedju "shih u intier" ghall-ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tieghu ghax dawn ikunu diga inkisru precedentement "minhabba r-revoka ingusta u kontra l-ligi li saret mill-istess Awtoritajiet kostitwiti". L-appellant itenni ghal aktar minn darba li dak "li qieghed ifittex…hija dikjarazzjoni mill-Qorti li dik ir-revoka tal-permess lilu moghti kienet nulla u ineffettivi [**recte:** ineffettiva] ghax saret in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu".

Din il-Qorti ma tarax li l-appellant ghandu ragun. Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens[1]. In fatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali (*"…ghall-ksur allegat…"*) izda li minkejja dan *"…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…"* favur il-vittma.

Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha – kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta' dan il-proviso hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bhal kull diskrezzjoni, din ghandha tigi ezercitata b'mod korrett u tkun diretta ghall-iskop li ried jilhaq il-legislatur. Il-legislatur ma riedx li jsiru

[1] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et.***; kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et***.

kawzi kostituzzjonali bla bzonn; mill-banda l-ohra dan il-proviso m'ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher *prima facie* li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla u din il-Qorti ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm altrimenti rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319[2].

Issa, fil-kaz in dizamina jekk wiehed jara sewwa ir-rikors promotorju tat-3 ta' Gunju, 1996 kif ukoll il-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 1999 huwa evidenti li l-gravam ta' Sammut kien li, bil-permess (mibdul) tal-14 ta' Awissu, 1992 huwa kien ser ikollu ibiddel dak li kien ghamel jew dak li kien bi hsiebu jaghmel skond il-permessi precedenti. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti r-rimedju tar-*reconsideration* hu, jew jista' jkun, f'dan il-kaz rimedju effettiv ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet lamentati mir-rikorrent. Ir-rikorrent, fl-udjenza ta' l-10 ta' April, 2002 (quddiem din il-Qorti) addirittura ma kkontestax l-affermazzjoni maghmula mill-Avukat ta' l-Awtorita` (Dott. Ian Stafrace) li l-permess relattiv kien inhareg fis-26 ta' Lulju, 2001. S'intendi, din il-Qorti mhix b'xi mod tikkunsidra sottomissjoni ta' avukat bhala "prova"; ghal din il-Qorti huwa sufficjenti li fil-mument meta nghatat is-sentenza tal-Prim Awla kien hemm rimedju effettiv li kien qed jigi sperimentat mill-rikorrent, liema rimedju kien jezisti anke meta gie intavolat ir-rikors quddiem il-Prim Awla. Din il-Qorti ma tarax li ghandha wisq xi zzid mal-kunsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellant.

---

[2] Ara ***Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et*** Q.K. 15/1/91, ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** Q.K. 5/4/91, ***Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija*** Q.K. 14/6/95.

---------------------------------TMIEM---------------------------------